**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Ottubru, 2017

Rikors Kongunt Nru : 167/17AL

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Mejju 1992, mill-liema zmieg twieldu zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni (Dok. A);

Illi l-partijiet isseparaw legalment u xojew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat 25 ta' Lulju, 2002 (Dok. B);

Illi l-partijiet qieghdin hawnhekk japplikaw biex jakkwistaw id-divorzju billi ilhom separati aktar minn ghaxar snin u m'hemm ebda prospett ragjonevoli ta' xi rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar kustodja jew manteniment;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju huma sodisfatti;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

I. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejniethom;

II. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u biex jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

III. Tawtorizza lil mara sabiex tirriverti ghal kunjomha ta' xebba.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha sussegwenti;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Lulju 2002;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.  Il-Qorti fuq talba tar-rikorrenti Marita Caruana tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha Camilleri u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.